KARTA TA’ INFORMAZZJONI GĦALL-ANZJANI

# Drittijiet. Rispett. Fiduċja.

L-Istrateġija ta’ Prevenzjoni tal-Abbuż tal-Anzjani mill-Gvern ta’ Victoria



## Kif tissalvagwardja d-drittijiet tiegħek

L-anzjani għandhom id-dritt, bħal nies kollha ta’ kull età, li jgħixu salvi f’darhom, ħielsa mill-vjolenza, abbuż u abbandun u esplojtazzjoni u li jkunu ttrattati b’dinjità u b’rispett.

Fil-biċċa l-kbira tal-każi, dan huwa eżattament dak li jiġri. Madankollu għal xi nies dan ma jkunx il-każ billi jkunu suġġetti għal abbuż u esplojtazzjoni.

Jista’ jkun diffiċli biex tiddiskuti din il-problema partikularment meta tkun tinvolvi lil xi ħadd viċin tiegħek. Dan huwa għaliex huwa importanti li tikseb għajnuna u pariri.

Biex jgħinek il-Gvern ta’ Victoria waqqaf servizz b’xejn u konfidenzjali mal-istat kollu, Seniors Rights Victoria (Id-Drittijiet tal-Anzjani f’Victoria) biex jipprovdi:

- linja ta’ għajnuna għal informazzjoni u riferiment
- rappreżentazzjoni u sapport
- pariri legali
- edukazzjoni komunitarja u professjonali.

Kulħadd jista’ jċempel lil Seniors Rights Victoria.

Il-linja ta’ għajnuna b’xejn ta’ Senior Rights Victoria **1300 368 821** topera mill-10am sal-5pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa. Online **www.seniorsrights.org.au**

Jekk inti, jew xi ħadd li taf, jinstab f’periklu immedjat ikkuntattja lil Victoria Police fuq 000.

**Agein & Aged Care Branch**
**Department of Health**
12th Floor
50 Lonsdale Street
MELBOURNE 3000
Australia
Tel: (61 3) 9096 7389
Fax: (61 3) 9096 7943
Email: aged.care@health.vic.gov.au
www.seniorsonline.vic.gov.au

*L-informazzjoni fuq din il-karta ta’ informazzjoni hija għal informazzjoni ġenerali biss. M’għandekx toqgħod fuqha billi mhix informazzjoni legali li tapplika għaċ-ċirkustanzi partikulari tiegħek. Jekk ikollok xi mistoqsijiet jew ikollok bżonn ta’ parir, ikkuntattja l-aġenziji mniżżla fuq din il-karta ta’ informazzjoni.*

State Government Victoria

Maltese